**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Helga Debono**
**V**

**MARTIN VELLA**

**Illum, 15 ta' Marzu, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARTIN VELLA** ta’ tmienja w tletin sena bin Joseph u Carmen nee Vella, imwieled Tas Sliema nhar s-sbatax ta' Jannar, 1962 u joqghod 2, Rosary Flats, Triq San Vincenz, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 77862M gie mressaq quddiemha akkuzat :

1. talli f’dawn il-Gzejjer bejn l-ewwel ta' Frar, 1999 u l-ahhar ta' Frar, 1999 b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda b'mezzi

kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor jew ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew krediti mmaginarji jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel b'qerq ta' aktar minn disgha mija u disgha liri maltin bi hsara ta' Options ta' Triq r-Repubblika, Valletta.

2. Talli sar recediv b'sentenza li saret definittiva tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-hamsa ta' Mejju, 1994.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha w ghoxrin ta' Marzu, 2000 a fol 5 tal-atti odjerni sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 308, 309, 310, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien mar jixtri xi hwejjeg minghand l-hanut maghruf bl-isem Options li jinsab fi Triq r-Repubblika, Valletta u hallas ghalilhom permezz ta' erbgha cekkijiet mahruga mill-Barclays Bank tal-Ingilterra u dan fl-ammont globali ta' disgha mija u lira sterlina (vide dokument CSH 1 sa CSH 4 esibiti fl-atti a fol 18).

Mistoqsi fl-istqarrija tieghu esibita a fol 14 rilaxxjata nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 1999, jekk kienx jaf li ma kellux flus fil-kont tieghu, l-imputat wiegeb fl-affermattiv ghaliex qal li kien jaf li ma kellux bizzejjed flus.

Illi fil-mori tal-kawza l-imputat kien ghamel tajjeb ghal dan d-debitu tant li hallas l-ammont dovut lis-socjeta Farrugia & Company Limited ghan-nom tal-Options kif jirrizulta mill-verbal registrat fl-atti nhar l-hdax ta' Marzu, 2002.

Illi ghalhekk l-akkuza principali dwar frodi tirrizulta ppruvata u l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati taghha.

Dwar l-akkuza l-ohra, u cioe dik ta' recidiva, il-Qorti ezaminat s-sentenza esibita a fol 22 tal-atti odjerni markata bhala dokument CSH fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Vella deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar t-tlieta ta' Mejju, 1994 fejn l-imputat kien inghata probation u ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis lil imputat bhala recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti semghet x-xhieda moghtija mill-Psikjatra Doctor David Cassar nhar l-erbatax ta' Mejju, 2001 minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu problema fil-karattru tieghi fis-sens li mhux kapaci jgharaf l-limitazzjonijiet tieghu, billi jghix ghal mument minghajr ma jqis il-konsegwenzi tal-imgieba tieghu.  Ghandu problemi matematici fis-sens illi huwa limitat fil-mod li jaghmel l-kalkoli matematici tieghu.

Rat li l-imputat gie dikjarat inkapaci fis-sens li gie interdett b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Awissu, 2001 u ghalhekk huwa sar inabbli li jaghmel atti civili ai termini tal-ligi.

**Ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-Qorti, wara li tiddikjara li qed issib lil imputat MARTIN VELLA hati tal-ewwel akkuza qed tilliberah bil-kundizzjoni li joqghod taht ordni ta' probation tal-Probation Officer Carmen Borg ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuza ta' recidiva u tilliberah minnha.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lil Probation Officer Carmen Borg.**

**L-imputat probationer ghandu jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Probation Officer Carmen Borg li minn naha taghha ghandha tirrelata lura lil din il-Qorti kull sitt xhur dwar l-andament tieghu.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**